MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 105/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Bartholomew Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Bartholomew Bonnici talli:

(1) Fis-26 ta’ Settembru 2006 u fil-jiem ta’ wara go *farm* bla numru u bla isem sitwat fi Triq il-Kappella ta’ Santa Marija, Maghtab l/t Naxxar b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u maghmulin b’risoluzzjoni wahda, u cioe` matul il-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’mod iehor mhux imsemmi band’ohra f’dan il-Kodici, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

(2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi go *farm* bla numru u bla isem sitwat fi Triq il-Kappella ta' Santa Marija, Maghtab l/t Naxxar bhala direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp, ghaqda jew kien jidher li qed jagixxi f'dik il-kariga, ma ezercitax id-diligenza kollha xierqa biex jevita l-ghemil ta' reat u cioe` talli permetta jew halla li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-deternturi jew lin-nies li jkunu joqoghdu f'bini fil-qrib.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tordna li jitnehha l-inkonvenjent fi zmien stabbilit mil-ligi taht penali fin-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Marzu 2007 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Bartholomew Bonnici hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u, wara li rat l-artikoli 338(mm)(dd), 18 u 377(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu multa ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) u ordnatlu li jnehhi l-inkonvenjent fi zmien xahar taht penali ta' zewg liri Maltin (Lm2) fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Bartholomew Bonnici pprezentat fit-22 ta' Marzu 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi: (i) tikkonfermaha in kwantu lliberatu mit-tieni imputazzjoni; (ii) tannullaha, thassarha u tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu jhallas multa ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) u li jnehhi l-inkonvenjent fi zmien xahar taht penali ta' zewg liri Maltin (Lm2) fin-nuqqas; jew (iii) alternattivament, f'kaz illi jintlaqa' t-tieni aggravju u mhux l-ewwel aggravju, filwaqt illi tikkonferma l-liberazzjoni tieghu mit-tieni imputazzjoni, tvarja l-kundanna relattiva ghall-ewwel imputazzjoni billi tannulla, thassar u tirrevoka l-ordni ghat-tnehhija ta' l-inkonvenjent u l-penali relattiva;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Settembru 2007 li permezz tieghu nnominat lill-Perit Valerio Schembri sabiex izomm access fuq il-post bl-iskop illi jiddetermina jekk ghadhomx jinstemghu hsejjes mir-residenza ta' Stephen Vella provenjenti mill-proprjeta` ta' l-appellant u liema hsejjes jistghux jitqiesu bhala inkonvenjent;

Semghet ix-xiehda;

Semghet lill-Perit Valerio Schembri jirrelata verbalment;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:
L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-imputazzjonijiet ma gewx pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni; (2) ghalkemm l-element intenzjonali mhuwiex rikjest ghall-finijiet ta' l-artikoli 338(m) u 338(dd), tali element intenzjonali huwa rikjest ghall-finijiet ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ir-reat jitqies kontinwat, liema element ma rrizultax u anzi gie eskluz mix-xhieda.

L-ewwel imputazjoni jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, peress illi x-xiehda li nstemghet ma gietx traskritta, din il-Qorti semghet ix-xiehda mill-gdid. Minn dak li semghet jirrizulta s-segwenti:

**Stephen Vella** xehed illi l-appellant ghandu generator, extractors u coolers ghaddejjin il-hin kollu. Qal li ma setghux jistriehu u kellu jaghlaq it-twieqi tad-dar ghalkemm ghandu t-tfal ibatu bl-azma u b'hekk god-dar ma kellux ventilation bizzejjed. Qal li kellem lill-appellant izda dan qallu li startjati kienu u startjati jibqghu. Startja generator wara li l-Enemalta qatghulu d-dawl. Kien irrapporta lill-Pulizija li gew u semghu kollox ghaddej. Huwa kkonferma r-ritratti esebiti minnu quddiem l-ewwel Qorti u spjega l-kontenut taghhom. L-appellant irabbi l-fniek f'garaxx. Ir-residenza tax-xhud appogg mal-fond ta' l-appellant. In kontroezami qal li martu tigi oht l-appellant. Mistoqsi kemm ilu l-appellant armat bil-farm tal-fniek, ix-xhud wiegeb li l-ewwel kellu erbgha mbaghad kompla jzid.

Mistoqsi jekk l-appellant kellux farm qabel ma x-xhud beda jghix hemm, wiegeb li l-appellant bdieh bhala farm minghajr permess u l-permess gabu  x-xhud qabel. L-appellant issa gab permess biex ikabbar u x-xhud qed joggezzjona. Wara li kellmuh il-Pulizija l-ewwel darba, l-appellant ressaq il-generator minn fejn kien izda xorta baqa' storbju enormi. Mistoqsi jafx li l-mudell tal-generator hu tat-tip *ultra-silent*, ix-xhud wiegeb li mhuwiex *ultra-silent* bizzejjed.

**P.S. 586 Joseph Brincat** qal fl-affidavit tieghu li fl-1 ta' Ottubru 2006 ghall-habta tal-11.20 a.m. Stephen Vella rrapporta li kien qed jigi mdejjjaq mill-hsejjes ta' extractor u coolers li kienu qed jahdmu lejl u nhar biswit ir-residenza tieghu u dan b'inkonvenjent ghalih u ghall-familja, li dawn kienu stallati f'razzett tal-fniek ta' l-appellant hdejn ir-residenza ta' Vella u minn barra l-imsemmija residenza kien jinstema' jahdem. Huwa kellem lill-appellant li qallu li dawn stallati fir-razzett minhabba fniek.

**Il-Perit Valerio Schembri** xehed li mar fuq il-post u ha r-*readings* ta' hsejjes mir-residenza ta' Stephen Vella kemm bl-apparat fil-farm ta' l-appellant mitfi kif ukoll bl-apparat mixghul kemm fuq l-elettriku u kemm meta qieghed jithaddem permezz ta' generator. Irrizulta li meta l-apparat kien mitfi, bit-twieqi maghluqin kellu *reading* ta' 35.1 meta l-massimu huwa ta' 35. Bhala *open window value*, il-massimu huwa ta' 45 dba u mir-*readings* li ttiehdu waqt l-access qatt ma nqabez dak il-limitu. Ghalhekk ikkonkluda li bhala *open window value* ma kienx hemm inkonvenjent. Meta mbaghad it-twieqi kienu maghluqin, kellu rizultanzi meta nxteghel l-apparat li nizlu taht anke l-minimu ta' 35. B'referenza ghal karma fuq quddiem tal-farm li giet indikata lilu mid-difensur ta' Stephen Vella, l-espert tekniku osserva illi l-apparat f'dik il-kamra ma kienx ikkomunikat ma' l-elettriku u trid elettricista biex tikkomunikah. Ghalhekk, naturalment, ma setax jiehu *readings*.

**L-appellant** xehed illi qatt ma kien avvicinat b'xi lment dwar hsejjes mill-apparat fil-farm tieghu sakemm darba

cemplulu l-Pulizija dwar il-generator. Huwa qal lill-Pulizija li dan kien se jittrasferieh u kien diga` hejja l-post ghalih u kien se jigi xi hadd bil-crane biex isir dan ix-xoghol is-Sibt ta’ wara. Jghid li fil-fatt hekk ghamel. Dwar il-coolers, dawn intfew f’Ottubru 2006. L-ewwel darba li sema’ dwar xilment dwar il-coolers u l-extractors kien f’Settembru 2006. L-ewwel lmenta dwar il-generator mbaghad dahhal l-extractor. Il-generator li ghandu huwa *ultra-silent*. Pulizija qatt ma ra fuq il-post ghalkemm qalulu li gew. Skond l-appellant, Stephen Vella kien xehed quddiem l-ewwel Qorti li biex tisma’ l-hsejjes trid tmur fuq in-naha ta’ wara u titla’ ma’ l-appogg. L-appellant qal ukoll li kemm ilu liu gieh il-permess biex jirranga, Vella beda jaqlaghlu hafna affarijiet. In kontro-ezami qal li l-generator nehhieh ghax hu ma riedx jaqla’ trouble. Ikkonferma li huwa *ultra-silent*. Mistoqsi jaqbilx li jista’ jivvibra, wiegeb li tista’ forsi tisma’ fan, imma issa qieghed imbieghed u hem mil-hitan jaqsmu. Skond l-appellant, l-ilmenti mhux fuq il-hsejjes imma ghax Vella ma jridx ihallieh irabbi l-fniek.

L-ewwelnett jigi stabilit li dan il-kaz jirrigwarda biss ir-rapport li ghamel Stephen Vella fl-1 ta’ Ottubru 2006 dwar hsejjes gejjin minn coolers u/jew extractors u mhux ukoll mill-hsejjes ta’ generator.

Issa, f’dan l-istat tal-provi din il-Qorti hija sodisfatta li Stephen Vella kien gustifikat jilmenta dwar il-hsejjes mill-apparat imsemmi. Difatti meta l-Perit Valerio Schembri acceda fuq il-post, sab li kien hemm xi coolers skonnettjati, u fir-risposta tieghu tat-23 ta’ Ottubru 2007 ghar-rikors ta’ Stephen Vella tas-16 ta’ Ottubru 2007, l-appellant jammetti li skonnettjahom u dan sabiex jistalla coolers ohrajn li ma jirrikjedux extractors. Jigifieri anke hawn jidher illi l-appellant ha inizjattiva sabiex ma johloqx inkonvenjent. Ir-rapport tal-Perit Valerio Schembri jirreferi ghall-pozizzjoni llum wara li l-appellant ha l-passi msemmija. Minn dak ir-rapport huwa evidenti illi l-livelli ta’ hsejjes jaqghu fil-parametri tal-livelli acettabbli skond in-normi internazzjonali. Ghalhekk mhuwiex il-kaz li tibqa’ fis-sehh l-ordni ta’ l-ewwel Qorti maghmula a tenur ta’ l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti pero` tosserva illi, filwaqt illi l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati kemm skond l-artikolu 338(m) kif ukoll skond l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-provi jwasslu biss ghas-sejbien ta' htija skond l-artikolu 338(m), cioe` l-kontravvenzjoni ta' min "bil-lejl, jikser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor", f'dan il-kaz bi hsejjes. Ma jistax jinghad li tirrizulta l-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(dd), cioe` l-kontravvenzjoni ta' min "b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku". Din il-kontravvenzjoni tekwipara ghar-reat ta' *breach of the peace*. Issa, kif gie spjegat fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Busuttil** deciz fit-23 ta' Gunju 1994[1]:

**"Skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, dan ir-reat javvera ruhhu meta jkun hemm dak li fil-*common law* Ingliza kien jissejjah *'a breach of the peace'*. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kuncett Ingliz ta' *'a breach of the peace'* tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et., kien qal hekk:**

***'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato'*(Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).**

**A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza migbura fl-artikolu intitolat *'Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order'* pubblikat fil-Vol. X ta' *The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983)* pagna 13 *et seq.*, u specjalment pagni 28 sa 31. B'zieda ma' dak li hemm**

[1] Vol. LXXVIII.v.277.

**f'dak l-artikolu wiehed jista' jghid li r-reat ta' *'breach of the peace'* fil-ligi Skocciza jirrikjedi ukoll certu element, imqar f'ammont zghir hafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb taghhom *'Scots Criminal Law', Edinburgh, Butterworths, 1992)*:**

***'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p. 192)*.**

**Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi apprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz, Gerald H. Gordon, fit-*test* awtorevoli tieghu *'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978)*:**

***'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p. 985, para. 41-01)*.**

**U aktar 'il quddiem l-istess awtur jghid:**

***'…. Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01)*.**

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Spiteri** deciz fl-24 ta’ Mejju 1996, din il-Qorti diversament presjeduta ziedet tghid hekk:

**“Il-Qorti hawnhekk tixtieq tippreciza a skans ta’ ekwivoci li l-kuncett ta’ *‘breach of the peace’* kif abbraccjat fl-Iskozja huwa aktar wiesa’ minn kif gie interpretat mill-qrati Inglizi. Fi kliem Jones u Christie fil-ktieb taghhom *‘Criminal Law’ (Edinburgh, Sweet & Maxwell, 1992)*, b’referenza ghal-ligi Skocciza in materja:**

***‘While the major part of the criminal law of Scotland could indeed be expressed in some facile, breach-of-the-peace-type phrase, such as ‘doing things (or refraining from doing things) which cause, or could reasonably cause alarm or disturbance’, this would lead inevitably to complete uncertainty as to what exactly the law did prohibit. At present there is considerable uncertainty as to what breach of the peace itself properly covers; and it would thus be most unwelcome to extend that uncertainty by enlarging the scope of breach of the peace at the expense of other, fairly well defined offences. But this is, of course, something of a vicious circle. It is precisely because breach of the peace has become so ill-defined that it has proved possible for it to stray into fields occupied by other offences. The only way to halt this process is for breach of the peace to be defined in a clearer and more limited fashion than is currently the case. Regrettably, however, there is little indication that this is likely to be so’ (p. 295)*.**

**Il-kuncett Ingliz ta’ *‘breach of the peace’* li, kif inghad, il-Qrati taghna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tieghu *‘Offences Against Public Order’ (London, Sweet & Maxwell, 1987)* hekk:**

***‘Because of the association between ‘peace’ and ‘quiet’, there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is ‘any behaviour that disturbed***

***or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell …. Watkins L.J. said: '…. Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182)*.**

**Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Naturalment dawn ic-cirkostanzi jridu jkunu tali li oggettivament inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib."[2]**

Il-hsejjes kawzati minn coolers/extractors ma jistghux jitqiesu bhala *breach of the peace* fit-termini spjegati f'din il-gurisprudenza u ghalhekk l-appellant ma setax jinstab hati wkoll tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

Permezz tat-tieni aggravju l-appellant isostni illi ma setax jigi addebitat lilu l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

---

[2] Ara wkoll Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Alfred Pisani**, 5 ta' Mejju 1995; **Il-Pulizija v. Pio Galea**, 17 ta' Ottubru 1997; **Il-Pulizija v. Andrea Galea et**, 30 ta' Gunju 1998

peress illi dak l-artikolu jirrikjedi l-istess “rizoluzzjoni” (“*common design”*). Ma rrizultatx intenzjoni li jinkiser il-mistrieh tan-nies u l-ufficjali tal-pulizija stess qalu li malli nfurmawh bil-lamenteli tal-parte civile, l-appellant ipprova jaghmel dak kollu possibbli biex inehhi l-inkonvenjent.

Dan l-ilment huwa wiehed fieragh. Ghall-integrazzjoni ta’ kontravvenzjoni huwa bizzejjed il-fatt materjali, u ghalhekk l-element psikiku hu soddisfatt bis-semplici volontarjeta`. Il-*common design* fil-kontravvenzjonijiet tittraduci ruhha precizament f’dik il-volontarjeta`. Ghalhekk dan it-tieni aggravju huwa respint.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati li kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u minn dik l-imputazzjoni tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu ordnatlu li jnehhi l-inkonvenjent fi zmien xahar taht penali ta’ zewg liri Maltin (Lm2) fin-nuqqas, u tikkonfermaha fil-bqija, cioe` fejn instab hati talli fis-26 ta’ Settembru 2006 u fil-jiem ta’ wara go *farm* bla numru u bla isem sitwat fi Triq il-Kappella ta’ Santa Marija, Maghtab l/t Naxxar b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u maghmulin b’risoluzzjoni wahda, u cioe` matul il-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes u fejn gie kkundannat ghall-hlas ta’ multa ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10) ekwivalenti issa ghal tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------